MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1216/2009

Alfred Spiteri, Catherine Mallia Bonello, Sylvia Portelli, Adelina Cilia f'isimha proprju u bhala mandatarja specjali ta' huha Joseph Spiteri, Rita Spiteri, Stephen Spiteri u Rafel Spiteri
vs
Mary Micallef, George Spiteri u martu Maria Spiteri u Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Davina Sullivan li b'digriet tal-5 ta' Awissu, 2011 gew nominati Kuraturi Deputati halli jirrapresentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Theresa mart Paolo Hili assenti minn Malta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

Illi l-partijiet huma ulied u n-neputijiet ta' Joseph u Carmela konjugi Spiteri;

Illi Carmela Spiteri mietet intestata mentri zewgha Joseph Spiteri miet fit-2 ta' Awissu, 2003 u halla testment wiehed datat 21 ta' Novembru elfejn u wiehed fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef Dok. A, B u C;

Illi fl-istess testament Joseph Spiteri halla lil uliedu Joseph, Alfred, Rafel, Theresa mart Paolo Hili, Catherine mart Anthony Mallia Bonello, Sylvia mart Paolo Portelli, Adelina sive Nina mart Charlie Cilia ahwa Spiteri u lil Rita u Stephen ahwa Spiteri (ulied il-mejjet ibnu Victor Spiteri) is-sehem riservat biss, mentri istitwixxa eredi universali u proprjetarji assoluti tal-gid tieghu konsegwenti wara mewtu lil bintu Mary mart Turu Micallef u lil ibnu George u martu Maria Spiteri (l-intimati f'din il-kawza);

Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tal-porzjoni riservat spettanti lir-rikorrenti skond il-Ligi, l-intimati baqghu inadempjenti;

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tistabbilixxi u taccerta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Spiteri okkorrendo bil-hatra ta' Periti Nominandi;

2. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom dritt ghas-sehem riservat mill-eredita` ta' l-imsemmi Joseph Spiteri;

3. Tillikwida l-porzjon rizervat spettanti lir-rikorrenti;

4. Tillikwida l-imghax dovut lir-rikorrenti mid-data tal-mewt ta' l-istess Joseph Spiteri;

5. Tassenja lir-rikorrenti s-sehem spettanti lilhom mill-isetss assi kemm-il darba l-istess huma komodament divizibbli u ghal dan il-ghan tinnomina perit ghall-eventwali qasma u kuraturi deputati halli jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-atti u f'kaz li l-istess assi ma humiex komodament divizibbli tillikwida s-sehem spettanti lir-rikorrenti permezz ta' periti nominandi

u tordna u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati u bl-imghaxijiet dekorribbli skond il-Ligi.

L-intimati gew ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha esponew:

1. Illi preliminarjament, il-gudizzju ma jistax ikun wiehed integru, *stante* li l-eredi tad-defunta Tereza mart Paolo Hili huma legatarji bhar-rikorrenti u ghalhekk, jehtieg jew jassocjaw rwiehhom fit-talba jew jigu eliminati mill-azzjoni u dana ghaliex azzjoni bhal din tista' tkun diretta biss lejn l-eredi u mhux ukoll lejn il-legatarji;

2. Illi wkoll in linea preliminari, l-intempestivita' ta' l-azzjoni *stante* li l-patrimonju tad-defunt Joseph Spiteri jikkonsisti biss fi proprjeta` immobbli uhud minnhom **soggetti ghal lokazzjoni favur ir-rikorrenti stess** u jrid isir il-bejgh qabel ma l-legittima tkun tista' tigi sodisfatta;

3. Illi in linea ta' mertu s-successjoni fil-kaz odjern infethet fit-tnejn (2) ta' Awissu elfejn u tlieta (2003) u allura huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Ligi qabel l-emendi ta' l-Att XVIII ta' l-2004 u ghalhekk din il-Qorti ghandha tistabilixxi l-frazzjoni ta' propjeta' li ghandha tmiss lir-rikorrenti u mhux jigi likwidat ammont;

4. Illi bl-azzjoni kif tentata r-rikorrenti qed jippruvaw jitolbu qsim parzjali tal-patrimonju tad-defunti Joseph u Carmela Spiteri u dan ghaliex qed jintalab biss spartizzjoni sabiex jigi sodisfatta l-legittima. Fl-istess waqt il-kontendenti ser jibqghu ko-pussessuri f'ishma indivizi fl-istess patrimonju kif fuqhom devoluta mill-wirt ta' ommhom Carmela Spiteri u ghalhekk ma jistax isir qsim parzjali;

5. Illi l-intimati ma ghandhomx ibatu spejjes ta' dan il-gudizzju *stante* li in linea ta' transazzjoni u minghajr ma gew konsidrati spejjes ta' l-eredita`, kienu jaqblu li l-valur tal-legittima spettanti lir-rikorrenti. Skond stimi tal-propjeta` formanti parti mill-patrimonju tad-defunt **provduti mir-rikorrenti stess**, is-sehem tal-legittima ta' kull legatarju kien gie kalkolat li hu ta' sebat elef u sebgha u ghoxrin Ewro (€7027) [u b'digriet tat-13 ta' Gunju, 2010 l-ammont gie korrett ghal sitt elef, tliet mija u hamsa u ghoxrin Euro (€6325)]. Izda peress illi l-intimati ma ghandhomx likwidita`, l-hlas tal-legittima jiddependi unikament mill-bejgh tal-propjeta` formanti parti mill-patrimonju tad-defunt Joseph Spiteri u ta' martu d-defunta Carmela Spiteri, mil-liema propjeta`, r-rikorrenti ghandhom sitt partijiet minn disgha [u b'digriet tat-13 ta' Gunju, 2010 giet korretta ghal seba' partijiet minn ghaxra (7/10)] (eskluz is-sehem ta' Thereza mart Paolo Hili) li jirrapprezenta terz (1/3) [u b'digriet tat-13 ta' Gunju, 2010 giet korretta ghal sebgha minn ghoxrin (7/20)] (eskluz il-legittima) tal-propjeta`, u ghalhekk apparti li huma ben kawtelati ghas-sodisfazzjon tal-legittima, jispetta lilhom ukoll kull incentiv sabiex il-proprjeta` tinbigh;

6. Illi wkoll la darba qed jintalab li din il-Qorti tillikwida l-ammont tal-legittima dovuta, l-imghax jista' jiddekorri biss mid-data tal-gudizzju finali.

Rat il-lista tax-xhieda ipprezentata mill-intimati.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Davina Sullivan li permezz taghha iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Kuraturi Deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-digriet tal-5 ta' Marzu, 2010 li permezz tieghu gie nominat il-Perit Robert Musumeci ghall-iskop ta' stima u qasma.

Rat ir-rapport tal-Perit Robert Musumeci li minnu jirrizulta li l-Perit zamm seduti u accessi, ghamel deskrizzjoni tal-proprjeta` u stimi relattivi ghas-segwenti fondi:

92 Triq Azzopardi Marsa (li mhux suggett ghal lokazzjoni u ghalhekk liberu u frank) – prezz ta' €110,000

94 Triq Azzopardi Marsa (li fih jirrisjedu terzi b'titolu ta' lokazzjoni *pre* 1995) – prezz ta' €50,000

96 Triq Azzopardi Marsa (li fih jirrisjedu terzi b'titolu ta' lokazzjoni *pre* 1995) – prezz ta' €45,000

45 Triq Azzopardi Marsa (li fih jirrisjedu terzi b'titolu ta' lokazzjoni *pre* 1995) – prezz ta' €50,000

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi skond verbal tat-12 ta' April, 2011 il-partijiet qablu mal-valuri stabbiliti mill-Perit Musumeci u li Dr. Mizzi ghar-rikorrenti qablet mal-kwoti indikati minn Dr. Busietta izda mhux mal-ammonti hemm indikati peress li dawn kienu mahduma fuq stimi *ex-parte*. Il-konsulenti legali tal-partijiet ghalhekk qablu li l-ammont ghandu jinbidel skond ir-rapport tal-Perit Musumeci fil-kwoti kif indikati. Inoltre fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2011 (*fol* 99) il-konsulenti legali tal-partijiet qablu li l-valur li ghandu jithallas lil kull legittimarju huwa ta' €6,375.

Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011 Dr. Mizzi ghall-atturi iddikjarat li m'ghadx hemm interess dwar il-mobbli. Illi

ghalhekk il-Qorti trid tillimita ruhha ghall-proprjeta` immobbli.

Illi sfortunatament flimkien mar-rikors guramentat ma giex prezentat certifikat tar-Registru Pubbliku ta’ Malta dwar testmenti riferibbli ghal Guzeppi Spiteri, ta’ liema certifikat izda hemm kopja a fol 108 tal-process mad-digriet dwar il-bandi. Dan ic-certifikat jindika li t-testment li nstab huwa bin-nota ta’ l-insinwa 17290/2001 u fil-verbal odjern il-konsulenti legali iddikjaraw li jaqblu li c-certifikat a fol 108 huwa awtentiku u li n-numru msemmi jirreferixxi ghat-testment tal-21 ta’ Novembru, 2001 Atti Nutar Francis Micallef. Inoltre l-partijiet qablu li l-mertu tal-kawza jirrelata biss ghall-proprjeta` immobbli msemmija fir-rapport tal-Perit Musumeci u li dawn il-postijiet kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn Joseph u Carmela Spiteri, genituri tal-partijiet.

Peress li l-partijiet jaqblu mal-valuri kif ukoll mal-kwoti, jirrizulta ghalhekk li kull wiehed mir-rikorrenti ghandu dritt ghall-ammont ta’ €6,375 hlief fil-kaz ta’ Rita u Stephen li ghandhom dritt ghal €3,187.50.

Riferibbilment ghall-eccezzjonijiet 1 u 2, dawn illum gew sorvolati billi sar qbil li ghandha ssir id-divizjoni, u anke li l-valur bil-fors irid jinghata b’mod likwidu minhabba li ma hemm l-ebda immobbli tal-valur ta’ xi kwota.

Riferibbilment ghat-tielet eccezzjoni, is-sentenza li qed tinghata qieghedha bazata fuq id-dispozizzjonijiet tal-ligi qabel l-emendi ta’ l-Att XVIII ta’ l-2004.

Dwar ir-raba’ eccezzjoni fuq il-qsim parzjali, dan illum minhabba l-verbali li hemm jidher car li l-partijiet waslu fuq qbil ghal divizjoni b’mod li m’ghadx hemm ostakolu aktar dwar l-eccezzjoni msemmija.

Il-hames eccezzjoni qed tigi applikata fis-sentenza.

Dwar is-sitt eccezzjoni, dwar likwidazzjoni tal-legittima, huwa ovvju li imghax ma jistax jiddekorri hlief mid-data tal-gudizzju finali, u ghalhekk din l-eccezzjoni hija milqugha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk l-eccezzjonijiet gew trattati kif hawn imsemmi hawn fuq.

B’riferenza ghat-talbiet gie stabbilit hawn fuq il-konsistenza ta’ l-assi ereditarju ta’ Joseph Spiteri.

Tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom dritt ghas-sehem riservat mill-eredita` ta’ Joseph Spiteri.

Tillikwida favur kull rikorrenti l-ammont ta’ €6,375 hlief fil-kaz ta’ Rita u Stephen ahwa Spiteri li ghandhom dritt ghal €3,187.50.

Peress li s-sehem spettanti lir-rikorrenti mill-assi m’humiex komodament divizibbli, ma tistax taghmel dan, izda tikkundanna lill-intimati jhallsu €6,375 lil kull wiehed mir-rikorrenti hlief ghal Rita u Stephen Spiteri li ghandhom jithallsu €3,187.50 kull wiehed minnhom.

Spejjez skond il-kwoti rispettivi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------